32003D0589

L 199/19 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 7.8.2003

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tal-21 ta' Lulju 2003
dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili

(2003/589/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi il-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 170(2) tiegħu, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Billi:

(1) Il-Kummissjoni innegozjat mar-Repubblika taċ-Ċili, għall-Komunità, Ftehim ta' koperazzjoni xjentifika u teknoloġika.

(2) Dan il-Ftehim kien iffirmat, għall-Komunità, fit-23 ta' Settembru 2002 fi Brussel, suġġett għall-konklużjoni possibli f'data iktar tard.

(3) Il-Ftehim għandu jkun approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili huwa għalhekk approvat għall-Komunità.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill, f'isem il-Komunità, ser jagħti n-notifika li hemm provvediment għaliha fl-Artikolu 11 tal-Ftehim.

Magħmula fi Brussel, 21 Lulju 2003.

F'isem il-Kunsill

Il-President

F. FRATTINI

---

[1] Proposta ta' l- 24 ta' Frar 2003 (għada mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] Opinjoni tat-3 ta' Ġunju 2003 (għada mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).